

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-perspettivi tar-riċerka Ewropea fil-qasam tal-faħam u l-azzar

(2008/C 162/22)

Nhar is-27 ta' Settembru 2007, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda li jħejji opinjoni addizzjonali fuq inizjattiva proprja dwar:

Il-perspettivi tar-riċerka Ewropea fil-qasam tal-faħam u l-azzar

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali, li hija inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-4 ta' Frar 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Zboril u l-korapporteur kien is-Sur Gibellieri.

Matul l-442 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet nhar it-13 u l-14 ta' Frar 2008 (seduta tat-13 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'158 vot favur, vot kontra u 3 astensjonijiet.

Parti I — Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

A. Il-KESE huwa sodisfatt li r-reviżjoni proposta tal-linji ta' gwida tekniċi għall-programm ta' riċerka tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (FRFA), imressqa mill-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill għal deċiżjoni, tfittex li ttejjeb aktar ir-riżultati tajbin Meta titqies il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li tixtieq li l-programm ikun sempliċi kemm jista' jkun għall-parteċipanti, m'hemmx b'żonn ta' modifiki kbar.

B. Il-KESE jaqbel mal-Kummissarju Potočnik li l-programm ta' riċerka FRFA jibqa' separat u kumplimentari għall-programm kwadru ta' riċerka u jkopri l-aspetti kollha relatati mal-faħam u l-azzar.

C. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta għal Deċiżjoni tissemplifika l-proċeduri amministrattivi, inter alia billi tħassar xi miżuri ta' akkompanjament peress li huma diġà koperti mis-7 Programm Kwadru (RTD FP), biex b'hekk iżżid l-appoġġ finanzjarju minn 40 għal 50 % għal proġetti pilota u ta' dimostrazzjoni, u tippermetti lill-industrija tal-faħam u l-azzar iniedu sejħiet riżervati għall-prijoritajiet identifikati fuq il-bażi tal-ħtiġijiet strateġiċi tagħhom li jikkonverġu mas-7 Programm Kwadru ta' Riċerka u jikkompletaw l-aġendi ta' riċerka strateġika tal-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej rilevanti.

D. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tintlaqa' t-talba mis-setturi industrijali ikkonċernati biex jingħata rwol aktar importanti u proattiv kemm lill-Grupp Konsultattiv dwar il-Faħam kif ukoll lill-Grupp Konsultattiv dwar l-Azzar fil-ġestjoni tal-programm ta' riċerka FRFA, biex b'hekk ikunu jstgħu:

— jeżerċitaw ir-rwoli tagħhom kif deskritti fid-Deċiżjoni 2003/78/KE

— jipproponu listi ta' esperti mill-industrija, ċentri ta' riċerka u d-dinja akkademika biex ikunu involuti fl-evalwazzjoni ta' riċerka u proġetti pilota/ta' dimostrazzjoni;

— jistabbilixxu prijoritajiet għall-programm ta' riċerka kumplimentari għall-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej rilevanti (ESTEP (*European Steel Technology Platform* — Pjattaforma Teknoloġika Ewropea dwar l-Azzar), ZEP (*Zero Emission Fossil Fuel Power Plants Platform* — Pjattaforma għall-Ebda Emissjonijiet mill-Impjanti Teknoloġiċi ta' l-Enerġija Bbażata fuq il-Karburanti Fossili), SMR (*Sustainable Minerals Resource Platform* — Pjattaforma dwar ir-Riżorsi Minerali Sostenibbli) ⁽¹⁾;

— jiddeċiedu dwar il-ħtieġa li jinħarġu sejħiet dedikati għal kwistjonijiet speċifiċi u rilevanti ħafna;

— jimmodifikaw, fejn addattat, it-tifsira ta' "faħam" u "azzar" fid-dokument mehmuż mad-Deċiżjoni.

E. Il-KESE titlob lill-Kummissjoni biex terġa' tinkludi l-kummenti u l-proposti li jikkonċernaw l-evalwazzjoni tar-riċerka u l-proġetti pilota/ta' dimostrazzjoni mill-Gruppi Konsultattivi tal-Faħam u ta' l-Azzar fir-regoli ta' proċedura għall-konsultazzjoni tal-Kumitat tal-Programm tal-Faħam u l-Azzar.

1. Parti 2 — Sfond

1.1 Nhar l-1 ta' Lulju 2004, b'konformità ma' l-Artikolu 29 (2) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

Il-perspettivi tar-riċerka Ewropea fil-qasam tal-faħam u l-azzar

⁽¹⁾ Il-prijoritajiet ta' l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka tal-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea dwar l-Azzar (ESTEP) huma kkonċentri fuq it-tkabbir sostenibbli, b'enfasi fuq il-kompetittività dejjiema ta' l-industrija bbażata fuq l-innovazzjoni, il-kooperazzjoni ma' l-imsieħba, l-għarfien ambjentali u l-konnessjoni qawwija tagħha mal-produtturi ta' l-azzar; dan hu l-mod kif tikkontribwixxi għall-programmi ta' riċerka ta' l-UE.

B'mod parallel, il-prijoritajiet tal-Pjattaforma Teknoloġika ZEP għandhom l-għan li jidentifikaw u jneħħu t-tfixkil għall-ħolqien ta' impjanti ta' l-enerġija ferm effiċjenti bi kważi l-ebda emissjonijiet li jnaqqsu drastikament l-impatt ambjentali ta' l-użu tal-karburanti fossili. Dan ser jinkludi l-ġabra u l-ħażna tas-CO₂, kif ukoll teknoloġiji ta' konverżjoni nadifa li jwasslu għal titjib sostanzjali fl-effiċjenza, il-kredibilità u l-ispiża ta' l-impjanti. Ser titqies ukoll il-Pjattaforma dwar ir-Riżorsi Minerali Sostenibbli.

1.2 Il-Kummissjoni Konsultattiva għall-Bidliet Industrijali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha (CCMI/018 — CESE 845/2005) nhar it-13 ta' Ġunju 2005. Ir-rapporteur kien is-Sur Lagerholm u l-rapporteur kien is-Sur Gibellieri.

1.3 Matul l-419-il sessjoni plenarja tiegħu li nżammet nhar it-13 u l-14 ta' Lulju 2005 (seduta tat-13 ta' Lulju 2005), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni msemmija hawn fuq b'57 vot favur, l-ebda vot kontra u 3 astensjonijiet.

1.4 Aktar minn sentejn wara l-pubblikazzjoni ta' l-opinjoni tal-KESE msemmija hawn fuq, qed isiru xi tibdiliet għall-programm ta' riċerka FRFA. Fil-fatt, fl-10 ta' Lulju 2007, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Programm tal-Faħam u l-Azzar il-Kummissjoni Ewropea adottat il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar reviżjoni tal-linji ta' gwida tekniċi dwar il-programm ta' riċerka FRFA għall-infiq tal-fondi fuq ir-riċerka dwar il-faħam u l-azzar.

1.5 Din ir-reviżjoni hija imposta mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE, 2003/77/KE, 2003/78/KE ta' l-1 ta' Frar 2003, li ħolqot l-FRFA. Għandu jifakkar li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE wkoll ittrasferiet l-assi u r-responsabbiltajiet tal-KESE lill-Komunità Ewropea u allokat il-valur globali ta' dawn l-assi għar-riċerka fis-setturi relatati mal-faħam u l-azzar.

2. Parti 3 — Motivazzjoni

2.1 Il-Fond ta' Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar għandu baġit annwali ta' bejn EUR 50 miljun u EUR 60 miljun għar-riċerka f'dawn iż-żewġ oqsma, iffinanzjat mill-interessi fuq l-assi tat-Trattat tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, li issa skada. Il-programm FRFA huwa programm separat, li jikkumplementa l-Programm Kwadru ta' Riċerka u jkopri l-aspetti kollha tal-faħam u l-azzar, minn proċessi ta' produzzjoni sa applikazzjoni, u jħares lejn l-użu u l-konverżjoni ta' riżorsi, is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-ħarsien ambjentali permezz tat-titjib ta' l-użu tal-faħam bħala sors ta' enerġija nadifa u t-naqqis ta' emissjonijiet tas-CO₂ mill-produzzjoni tal-faħam u l-azzar.

2.2 Il-proposta għal Deċiżjoni tissemplifika xi proċeduri amministrattivi, fost l-oħrajn billi:

- tħassar xi miżuri ta' akkumpanjament peress li huma diġà koperti mis-7 Programm Kwadru (RTD FP);
- iżżid l-appoġġ finanzjarju minn 40 għal 50 % għal proġetti pilota u ta' dimostrazzjoni, u tippermetti t-tnedija ta' sejħiet dedikati dwar prijoritajiet identifikati li jikkonverġu mas-7 Programm Kwadru ta' Riċerka u li jikkumplementaw l-aġendi ta' riċerka strateġika tal-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej rilevanti.

2.3 Il-parteċipazzjoni hija sempliċi: il-proposti jistgħu jressqu kull ħin bid-data ta' l-għeluq tkun il-15 ta' Settembru

kull sena. M'hemm l-ebda limitu għall-baġit tal-proġett jew għan-numru ta' msieħba parteċipanti f'kull proġett. Il-pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw, imma ma jibbenefikaw mill-ebda appoġġ finanzjarju Ewropew. Il-proġetti huma evalwati minn esperti esterni u magħżula skond il-kwalità tar-riċerka proposta. Il-monitoraġġ tal-proġetti huwa magħmul skond proċess annwali ta' reviżjoni minn pari (peer review).

2.4 Kien ukoll meħtieġ li jsiru xi bidliet għar-regoli ta' sħubija tal-gruppi konsultattivi u għar-rwol li jaqdu l-Istati Membri fil-Kumitat tal-Programm tal-Faħam u l-Azzar, partikularment fid-dawl ta' tkabbir reċenti ta' l-Unjoni Ewropea (il-perjodiċità tar-reviżjonijiet, it-tul tal-mandati, is-sistema ta' l-għażla tal-proposti u l-monitoraġġ tal-proġetti biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, eċċ.).

2.5 Din ir-reviżjoni hija imposta mid-Deċiżjoni leġislattiva li ħolqot l-FRFA. Fil-fehma tal-Kummissjoni l-FRFA s'issa ħadem tajjeb u għalhekk m'hemmx bżonn ta' reviżjoni profonda.

2.6 Sadanittant, il-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea dwar l-Azzar (ESTEP) kompliet bix-xogħol tagħha. L-istqarrija ta' l-istampa ta' l-ESTEP ta' Lulju 2007 turi l-ewwel riżultati ta' l-impenn tagħha fuq perijodu fit-tul għal futur sostenibbli. L-ESTEP ipproponiet Aġenda Strateġika ta' Riċerka f'Diċembru 2003 li ġiet inawgurata f'Marzu 2004.

2.7 L-ESTEP kienet fost l-ewwel pjattaformi teknoloġiċi li tid-defenixxi u tippubblika l-viżjoni tagħha tal-futur. Il-prijoritajiet ta' l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka huma kkonċentriati fuq it-tkabbir sostenibbli, b'enfasi fuq il-kompetittività dejjiema ta' l-industrija bbażata fuq l-innovazzjoni, il-kooperazzjoni ma' l-imsieħba, l-għarfien ambjentali u l-konnessjoni qawwija tagħha mal-produtturi ta' l-azzar. Dan hu l-mod kif il-pjattaforma tik-kontribwixxi għall-programmi ta' riċerka ta' l-UE.

2.8 B'mod parallel, il-prijoritajiet tal-Grupp għall-Ebda Emissjonijiet mill-Impjanti Teknoloġiċi ta' l-Enerġija Bbażata fuq il-Karburanti Fossili (ZEP) għandhom l-għan li jidentifikaw u jneħħu t-tfikkil għall-ħolqien ta' impjanti ta' l-enerġija ferm effiċjenti bi kważi l-ebda emissjonijiet li jnaqqsu drastikament l-impatt ambjentali ta' l-użu tal-karburanti fossili. Dan ser jinkludi l-ġabra u l-ħażna tas-CO₂, kif ukoll teknoloġiji ta' konverżjoni nadifa li jwasslu għal titjib sostanzjali fl-effiċjenza, il-kredibilità u l-ispiża ta' l-impjanti.

2.9 Fir-rigward ta' l-aspett industrijali, hemm referenzi għaż-żmien tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA, li skadiet f'Lulju 2002) fejn il-proġetti ta' Riċerka u Żvilupp koperti mill-programm rilevanti tar-Riċerka u l-Żvilupp kienu evalwati u magħżula b'kontribut sinjifikanti mill-produtturi ta' l-azzar involuti. Il-parti tal-programm li tirrigwarda s-settur tal-faħam ġiet trattata fuq l-istess linji bħall-linji gwidi tekniċi. Dan ir-rwol ta' l-industrija kien iġġustifikat mill-fatt li l-fondi tal-KEFA ġew esklussivament mit-taxxa fuq l-industrija tal-faħam u l-azzar.

2.10 Is-sitwazzjoni nbidlet ħafna meta fl-2003 twaqqaf il-Fond ta' Riċerka dwar il-Faħam u l-Azzar (FRFA) (Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE, 2003/77/KE, 2003/78/KE ta' l-1 ta' Frar 2003, ippubblikati fil-ĠU L 29/22, ĠU L 29/25, ĠU L 29/28 tal-5 ta' Frar 2003). F'dak iż-żmien il-fondi li kien għad fadal tal-KEFA ġew ittrasferiti għall-fond il-ġdid u l-Kummissjoni tqabdet biex tamministra kemm il-fondi kif ukoll il-programm ta' Riċerka u Żvilupp relatat, skond l-elementi essenzjali tal-programmi ta' riċerka li kienu implimentati qabel tal-KEFA.

2.11 L-idea tal-Kummissjoni ta' l-influwenza ta' l-industrija tal-faħam u l-azzar fuq il-programm FRFA hija differenti minn dik ta' l-industrija. Biex tinżamm konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2003/78/KE, il-Kumitat tal-Programm tal-Faħam u l-Azzar u ż-żewġ Gruppi Konsultattivi tal-Faħam u l-Azzar għandhom jingħataw il-possibilità li jeżerċitaw r-rwoli li

ġew allokati, li m'għandhomx jiġu limitati billi l-influwenza tagħhom tiċċaqlaq minn evalwazzjoni diretta biss għall-aspetti qabel is-sejħa għal proposti.

2.12 Bis-saħħa tal-proposta reċenti biex jiġu riveduti l-linji ta' gwida tekniċi tal-programm FRFA, il-Kummissjoni qiegħda tfit-tex li taddatta, kull fejn hu meqjus ta' benefiċċju, l-proċeduri u l-istrutturi formali għas-7 Programm Kwadru ta' Riċerka (FP7) ta' l-UE. Għalhekk, kull armonizzazzjoni mar-regoli u l-proċeduri ta' l-FP għandha tkun strettement limitata għal oqsma fejn semplifikazzjoni ġenwina u/jew effettività miżjuda jistgħu jintwerew b'mod ċar. Filwaqt li fejn possibbli għandhom jittieħdu l-van-tagġi mis-sinerġiji eżistenti bejn l-FP 7 u l-FRFA, ir-rwol ta' l-FRFA bħala programm kumplimentari u indipendenti jeħtieġ li jiġi ppreservat (ara Part 1 — B).

Brussell, it-13 ta' Frar 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/368/KEE dwar it-tqabbil tal-kwalifiki tat-taħriġ professjonali bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea

COM(2007) 680 finali — 2007/0234 (COD)

(2008/C 162/23)

Nhar is-27 ta' Novembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/368/KEE dwar it-tqabbil tal-kwalifiki tat-taħriġ professjonali bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar dan is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' Jannar 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Metzler.

Matul l-442 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-13 u l-14 ta' Frar 2008 (seduta tat-13 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'156 vot favur, 3 voti kontra u 5 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet

1.1 Wara analiżi bir-reqqa tar-raġunijiet li taw il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew, speċjalment fl-isfond tan-nuqqas ta' rapporti u esperjenzi — li għandu jikkonferma l-Kumitat — dwar il-ħidma sabiex jinħolqu profili professjonali komuni, il-Kumitat huwa konvint li l-argumenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew jinfteħmu sewwa u huma koerenti u ġġustifikati tajjeb. Il-Kumitat jenfasizza dan fid-dawl tal-ħolqien ta' strument ġdid bil-għan li jsaħħaħ u jiffaċilita l-mobilità tal-persuni fil-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.

1.2 Il-Kumitat huwa tal-fehma li din id-deċiżjoni tagħti kontribut qawwi għal-legislażzjoni aħjar billi tanalizza b'għajn kri-

tika r-regoli li ma jintużawx u li ma jistgħux jiġu implimentati, u tbiddilhom ma' strumenti aħjar.

1.3 Il-Kumitat jappoġġja lill-Kummissjoni fl-għan tagħha li tgħin lin-nies jużaw aħjar l-esperjenzi u l-ħiliet tagħhom għall-mobilità u l-migrazzjoni fi ħdan is-suq uniku tas-servizzi permezz ta' sistema apposta. Jilqa' bis-sħiħ li għall-bidu din is-sistema tkun ibbażata fuq ir-rieda tan-nies.

1.4 Fid-dawl ta' l-esperjenza tiegħu, il-Kumitat iħeġġeġ il-għieda kontra n-nuqqas ta' ċertezza fit-tneħħija tar-regolamenti billi jiżdiendu t-trasparenza u r-rapporti dwar l-impatti tagħhom. Jissuġġerixxi wkoll li tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni mad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali.